MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2008

Appell Civili Numru. 31/2003/1

**Maria Grima u Joseph Grima bhala amministratur tal-proprjeta` parafernali tal-mara tieghu, Maria Grima**

**vs**

**Andrew *sive* Andy Eminyan**

**Il-Qorti,**

Fl-20 ta' Lulju, 2007, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti,
>
> Rat l-avvizipprezentat mill-atturi fis-16 ta' Jannar, 2003 fejn talbu illi fi zmien qasir u perentorju ffissat minn dina l-Qorti l-konvenut jizgombra mill-fond 'Casa Roma', Qrejten Street, Hamrun liema fond qed jokkupa minghajr ebda titolu skond il-ligi.

Ghal finijiet ta’ kompetenza jigi ddikjarat li l-valur lokatizju ta’ dan il-fond ma jeccedix il-mitejn u ghoxrin lira Maltin (Lm220) fis-sena.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri legali tal-21 ta’ Awissu, 2002, 23 ta’ Settembru 2002, u tad-9 ta’ Dicembru, 2002, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi preliminarjament l-atturi individwalment jridu jippruvaw l-interess guridiku ta’ kull wiehed minnhom;

2. Illi bla pregudizzju ghall-premess it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi peress illi l-eccipjenti ghandu titolu validu ta’ lokazzjoni skond il-ligi stante illi huwa membru tal-familja tal-inkwilina precedenti u kien jabita maghha meta mietet, kif jigi ppruvat fil-kawza;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

F’din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu l-izgumbrament tal-konvenut Andy Eminyan mill-fond Casa Roma, Qrejten Street, Hamrun li min nahha tieghu qieghed jeccepixxi illi qua membru tal-familja ta’ l-inkwilina, ommu Lilian Eminyan kien jikkwalifika bhala kerrej fit-terminu tad-definizzjoni tal-Artikolu 2 ta’ l-Ordinanza tat-Tigdid tal-Kera.

Irrizulta mill-provi illi l-fond Casa Roma, Qrejten Street, Hamrun huwa proprjeta’ ta’ Maria Grima li kienet wirtitu minghand missierha. Il-fond kien mikri originarjament lil Robert Eminyan u wara l-mewt tieghu l-kirja daret fuq martu Lilian Eminyan. Il-konjugi kienu adottaw tifel, il-konvenut Andy li jikkwalifika ghal kull fini u effetti tal-ligi bhala binhom. Dan izzewweg lil Michelle fil-1997 u f’Awissu 1998 marru joqghodu l-Mosta fil-fond ‘Casa Delli Alpi’ u skond Michelle (fol 42) baqghu hemmhekk sa Settembru 2001 pero’ r-ragel baqa’ joqghod il-Hamrun fejn ghandu hanut. Wara Settembru 2001 marret toqghod mar-ragel taghha l-Hamrun. Sakemm damet il-Mosta kien gej u sejjer fil-weekends u anke jgib lill-ommu mieghu.

Lilian Eminyan mietet fis-27 ta’ Jannar 2002 u meta sid il-fond l-attrici Maria Grima talbet lura c-cwievet, il-konvenut irrifjuta peress li nvoka favur tieghu l-ligi fuq imsemmija u qieghed jallega illi l-fond Casa Roma, Qrejten Street, Hamrun hi llum r-residenza ordinarja tieghu u kienet hekk fil-mument tal-mewt ta’ ommu. Il-konvenut ighid li huwa kien joqghod il-Hamrun b’mod permanenti, ghad illi l-mara tieghu u t-tfal ghamlu xi zmien il-Mosta u hu kien imur jarahom fil-weekends.

Favur il-konvenut hemm ix-xhieda mportanti tal-Magistrat Silvio Meli (fol 63) fejn dan ighid illi wara li l-konvenut izzewweg baqa’ jghix fil-post il-Hamrun u l-mara tieghu kienet taghmel xi zmien tghix il-Mosta. Jkompli jghid *“jiena naf bhala fatt illi Andy Eminyan mhux biss kien jiehu hsieb lill-genituri tieghu, imma joqghod f’dan il-fond.... Wara l-mewt ta’ missieru ha hsieb lill-ommu li kienet marida mentalment.”* Minbarra x-xhieda ta’ l-atturi hemm ukoll ix-xhieda ta’ Victor Spiteri Sacco u Godwin Spiteri Sacco li huma hut l-attrici Maria Grima illi joqghodu vicin hafna tal-fond de quo, anzi ghandhom proprjeta’ fuq il-ground floor ezatt taht il-proprjeta’. Victor Spiteri Sacco jghid li jmur fil-garage tieghu taht il-fond kwazi kulljum u

jara lill-konvenut diehel u hiereg. Meta ommu kienet ghadha hajja kien jara d-dawl mixghul, izda wara mewtha ma ra xejn. Il-fond jidher ittraskurat, bis-saqaf tal-bitha maqsum, gallarija ser taqa' u ra wkoll lill-konvenut u lill-martu jgorru xi ghamara.

L-istess Godwin Spiteri Sacco a fol 78 illi joqghod ezatt wara Casa Roma qal li l-istat tad-dar mhijiex tajba hafna, pero' jaf li minn Frar 2006 il-konvenut mar joqghod fil-fond pero' kien ilu xi xhur ma jarah. Fil-frattemp, il-konvenut u martu dahlu f'zewg obbligazzjonijiet kuntrattwali. Wiehed kien il-bejgh tal-fond tal-Mosta in atti Nutar Pierre Falzon tas-16 ta' Settembru 2002 fejn il-konvenut ghamel dikjarazzjoni illi l-fond illi kien qed jinbiegh kien ir-residenza ordinarja tieghu. In-Nutar Pierre Falzon li rrediga l-kuntratt (fol 84) ighid illi huwa jaf li l-konvenut ghamel perijodu ta' tlett snin jew aktar ighix il-Mosta u jaf ukoll li l-konvenut ghamel zmien ighix mal-genituri tieghu pero' l-mara kienet toqghod il-Mosta.

Wara dan, il-konvenut xtara plot H'Attard fit-30 ta' Jannar 2003 ukoll in-atti Nutar Pierre Falzon. F'dan il-kuntratt gie dikjarat *"....fuq din l-art il-proprjeta' ser tinbena r-residenza taghhom".* Sa llum jidher li din l-art ghadha mhix mibnija. Ghalhekk minn dan jirrizulta illi meta mietet omm il-konvenut fis-27 ta' Jannar 2002 il-konvenut kien qieghed joqghod maghha biex jiehu hsiebha pero' f'dak iz-zmien kien ghadu ma bieghx il-fond tal-Mosta u jidher ukoll li kien hemm xi alternanza bejn il-Hamrun u l-Mosta fejn il-mara tal-konvenut ghamlet zmien regolari tghix mat-tfal bhala residenza ordinarja taghha.

Fix-xhieda taghha Michelle Eminyan qalet illi r-ragel jinqasam bejn il-Mosta u l-Hamrun pero' identifikat il-Hamrun bhala r-residenza ordinarja tieghu. Dan huwa kkorroborat bix-xhieda tal-Magistrat Silvio Meli kif fuq inghad. Pero' kontra dan, hemm ix-xhieda ta' l-atturi u ta' l-ahwa Spiteri

Sacco, tan-Nutar Pierre Falzon u aktar importanti l-kuntratt tal-bejgh tal-fond tal-Mosta fejn inghad car u tond illi l-konvenut kien ilu jghix ghal aktar minn tlett snin bhala residenza ordinarja tieghu.

Ikkunsidrat:

Dana premess, jidher mill-atti illi l-kontroversja centrali bejn il-kontendenti tirriverti fuq il-punt jekk il-konvenut Andy Eminyan, qua membru tal-familja ta' l-inkwilina ommu Lilian Eminyan, kien jikkwalifika bhala kerrej fit-terminu ta' l-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar it-Tigdid tal-Kera.

Minn ezami ta' l-artikolu fuq imsemmi jidher, bhala punt ta' dritt, illi hemm zewg elementi li jridu jirrekorru biex il-konvenut jiehu l-beneficcju tal-ligi fuq imsemmija. Wahda illi jkun membru tal-familja, haga li f'dan il-kaz inkontrovertita u l-ohra dik li l-istess membru kien qed jirresjedi mal-kerrej fil-mument tal-mewt tieghu. Din tifforma l-pern tal-prezenti disputa bejn il-partijiet.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza <u>Bonello vs Dimech</u> deciza mill-Appell Inferjuri fit-28 ta' Marzu, 2007 fejn wara li ghamlet referenza ghal famuza sentenza <u>Nazzareno Cutajar vs Carmela Quirolo noe et</u> (Appell Civili 1 ta' Dicembru 1961) qalet *"fil-fehma tal-Qorti l-mozzjoni tal-konvivenza li jissugerixxu dawk il-kliem necessarjament tippostola stabilita' tal-hajja domestika mill-membru tal-kerrej imposta fuqu mill-bzonn jew in-necessita', u allura huwa minnufih eskluz kull tip ta' okkazzjonalita' jew saltwaljita'".* Il-konvenut jista' jirraguna illi kien qed joqghod fil-fond il-Hamrun minhabba l-bzonn u n-necessita' illi jiehu hsieb lill-ommu. Fil-fatt ma hemmx dubbju illi l-konvenut hekk kien qed jaghmel pero' rrizulta wkoll li kellu fond iehor fejn il-familja tieghu kienet

qed toqghod b'mod regolari u dan ma kienx il-fond tal-Hamrun. Ma hemmx dubbju illi l-fond matrimonjali tal-konjugi Andy u Michelle Eminyan kien "Casa Delle Alpi" l-Mosta, ghad illi huwa rikonoxxut ukoll illi l-konvenut minhabba n-necessita' kien jaghmel zmien ighix ma' ommu l-Hamrun.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza <u>Dr Charles Galea Noe</u> <u>vs Franca Pia Di Donna</u> Appell Inferjuri deciza fis-17 ta' Marzu 2003 fejn il-Qorti qalet *"ghal fini tal-Kap 69 il-kelma joqghodu mal-kerrej m'ghandhiex tinghata interpretazzjoni estensiva, imma s-signifikat naturali u ordinarju tieghu. Li hu mehtieg mhux biss li dik il-persuna tkun qed toqghod ma' l-inkwilina, izda li l-post ikun iservi bhala r-residenza ordinarja tieghu. Il-fatt li persuna ghandha l-ghamara u l-karta ta' l-identita' hemm ma jfissirx konklussivament illi dik toqghod hemm. Il-ligi qieghda tivvizwalizza wiehed li jkun joqghod fih, u mhux band'ohra, mal-kerrej. Il-membru tal-familja jkun qed jippartecipa fil-godiment lokatizju tal-fond (<u>Debono vs Zahra</u> Appell Inferjuri 20 ta' April 1963). Persuna li kienet toqghod ma' l-inkwilin izda ghal diversi ragunijiet relatati ghas-sahha taghha, ma kienetx "toqghod" hemm meta mietet l-inkwilina, ma tirietx il-kirja peress illi ma tissodisfax dak ir-rekwizit li trid il-ligi."*

L-istess il-kawza <u>Carmel Agius vs Joseph Fabri</u> Qorti ta' l-Appell Inferjuri deciza fit-2 ta' Mejju 1984 fejn inghad illi l-kelma "toqghod" timplika partecipazzjoni fil-hajja ta' kulljum tal-familja, interdipendenza bejn membru tal-familja u iehor. Din l-interdipendenza ma tidhirx li kienet tezisti u lanqas ma kien hemm partecipazzjoni fil-godiment lokatizju tal-fond, ghal ragunijiet ovvji li l-familja tal-konvenut kienet fi zmien il-mewt ta' Lilian Eminyan maqsuma bejn il-Hamrun u l-Mosta. Il-fatt illi llum jista' jaghti l-kaz illi l-konvenut, martu u wliedu qieghdin joqghodu permanentement il-

Hamrun m'ghandhiex influwenza fuq dan il-kaz illi jrid jirrikonsidra biss is-sitwazzjoni fi zmien il-mewt ta' omm il-konvenut u cioe' fis-27 ta' Jannar 2002.

Il-Qorti terga' taghmel referenza ghad-dikjarazzjoni maghmula mill-konvenut u martu fil-bejgh tal-fond tal-Mosta illi kienu joqghodu fih bhala residenza ordinarja ghal aktar minn tlett snin. L-abbli avukat difensur fit-trattazzjoni tieghu, spjega illi dik id-dikjarazzjoni saret ghal fini tal-ligi peress illi jista' jkun hemm xi konsegwenzi finanzjarji jekk il-fond jinbiegh qabel tlett snin jew li ma kienx uzat bhala residenza ordinarja. Pero' n-Nutar Falzon a fol 84 ighid *"normalment meta tbiegh id-dar u tixtri ohra jekk taghmilha fi zmien sena jew wara sena l-ezenzjoni tibqa' tghodd. Ix-xerrej, f'dan il-kaz il-konvenut ikun jista' jibbenefika minn dawn it-tnaqqis tar-rati anke jekk il-fond ikun ibieghu sa sena."*

Hawnhekk il-Qorti tirrimarka illi n-Nutar irid jirreferi ghall-bejjiegh u mhux ghax-xerrej, ghax il-konvenut kien qed ibiegh u mhux jixtri. Pero' jkompli jghid illi dak iz-zmien meta nbiegh 'Casa Delle Alpi' u cioe' dak il-fond tal-Mosta kien vojt. Il-Qorti tirrimarka illi l-fond inbiegh f'Settembru 2002 mentri omm il-konvenut kienet ilha mejta kwazi disa' xhur, fejn allura biex il-fond tal-Hamrun ma jibqax vojt il-familja tal-konvenut marret toqghod hemm. Pero' l-perijodu definittiv mhuwiex dak tal-bejgh tal-fond tal-Mosta izda Jannar 2002 mal-mewt ta' l-omm. F'dan il-perijodu l-konvenut qieghed jiddikjara b'mod formali u b'att pubbliku li huwa kien joqghod il-Mosta bhala residenza ordinarja tieghu, dikjarazzjoni li skond in-Nutar ma kellhux ghalfejn jaghmilha biex jiehu xi beneficcji finanzjarji.

Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi ma tistax tiskarta din id-dikjarazzjoni. Jekk il-konvenut ghamilha biex jaghmel xi gwadann finanzjarju halli huwa jhallas taxxa b'rata baxxa, allura ma jistax jippretendi li

jiehu l-beneficcju minghajr ma jaghti kaz il-konsegwenzi tal-obbligi. Kif ighid it-taghlim fid-dritt ruman *"qui sentit commodum sentire debet et onus".* Jekk il-konvenut kien komdu illi jaghmel dikjarazzjoni bhal dik, issa jrid jerfa' l-konsegwenzi taghha u ma jistax iwarrabha bhala formalita' illi m'ghandha l-ebda effett fuq il-kaz de quo, aktar u aktar meta l-Qorti tirrileva li din id-dikjarazzjoni tikkumbaci mac-cirkostanzi kollha tal-kaz, mill-provi li gew prodotti, minn fejn irrizulta illi l-konvenut ma kienx qed jippartecipa fil-godiment lokatizju tal-fond. Kien qieghed hemmhekk ghar-ragunijiet relatati mas-sahha u dan ma jistax jitqies bhala *"joqghod"* fis-sens ta' l-ordinanza fuq imsemmija Kap 69.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' l-atturi. Tipprefiggi terminu ta' tlett xhur sabiex il-konvenut jizgombra mill-fond 'Casa Roma' Qrejten Street, Hamrun liema fond qed jokkupa minghajr ebda titolu skond il-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut."

Fil-kontestazzjoni ta' din is-sentenza appella l-konvenut bl-aggravji incidenti fuq l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti u dak tar-ragonament taghha, bazata, skond l-appellanti, fuq interpretazzjoni zbaljata ta' kif tahdem il-ligi relattiva ghall-*capital gains* skond il-Kapitolu 123;

Il-linja difensjonali sostenuta mill-konvenut quddiem l-ewwel Qorti hi dik li huwa ghandu titolu ta' inkwilinat in kwantu ssubentra fil-posizzjoni guridika ta' "kerrej" skond l-Artikolu 2 tal-Kapitolu 69 li kellha ommu. Manifestament, dan il-provvediment tal-ligi jirrikjedi ghall-operativita` tieghu zewg elementi konkorrenzjali, u cjoe, li l-konvenut azzjonat jipprova li:

(i) hu membru tal-familja ta’ l-inkwilina premorta;
u (ii) li hu kien joqghod maghha fi zmien ta’ mewtha;

In tema gurisprudenzjali hu rikonoxxut li kien hemm zmien fejn, in referenza l-aktar ghall-ewwel punt, kien jezisti certu divarju ta’ hsieb dwar min kellu jikkwalifika bhala “membru tal-familja”, tant li nsibu sentenzi li jghidu li l-espressjoni ma kienetx komprensiva biss ta’ membri konsangwenji izda estiza wkoll ghall-persuni anke jekk mhux imparentati fis-sens strett u formali; ad ezempju, l-adottat jew l-imrobbi. Ara, b’ illustrazzjoni, “**Vincent Zammit -vs- Vincent Kerr**” Appell Inferjuri, 11 ta’ Marzu, 1966 u “**Joseph Caruana -vs- Salvu Pulis**”, Appell Inferjuri, 3 ta’ Dicembru, 1975. Hekk ukoll kienet tezisti divergenza, b’ kollegament bejn iz-zewg punti, dwar jekk il-werriet, li ma kienx jikkoabita mal-kerrej, kellux jircievi l-protezzjoni tal-ligi specjali. Is-sentenza fl-ismijiet “**Wisq Rev. Padre Leone Zammit *nomine* -vs- Antonio Farrugia et**”, Appell Inferjuri, 13 ta’ Gunju, 1953 hekk issuggeriet. Mhux l-istess is-sentenza magristrali “**Nazareno Cutajar -vs- Carmela Quiroli *nomine et***”, Appell Civili, 1 ta’ Dicembru, 1961, li enuncjat illi l-werriet barrani ma jidholx fid-definizzjoni tal-ligi specjali;

Strettament, il-kaz prezenti ma jinkorpora ebda problematika ta’ din in-natura, ghaliex meqjus li l-konvenut appellanti hu membru tal-familja ta’ l-inkwilina ommu, il-kwestjoni centrali tirriverti fuq il-punt jekk hu rnexxielux jiddemostra, bi provi konvincenti, illi hu kien jikkoabita fil-fond lokat flimkien ma’ ommu fil-mument tal-mewt taghha. Jekk hu ddizempenjax ruhu minn tali oneru inkombenti fuqu jiddependi ghal kollox mill-valutazzjoni tal-provi, kemm ghaliex tali jitratta minn punt ta’ fatt, kemm ghaliex, in kwantu *reus excipiendo fit actor*, dan l-istess fatt minnu allegat u kostitwenti l-kontraprova minnu offerta ghall-kawzali premessa mill-atturi, ried dejjem jigi provat minnu. Fl-ezercizzju valutativ li din il-Qorti ser tikkonduci mhix ser tillimita ruhha ghall-elementi singoli tal-provi, dwar liema

ssofferma l-appellanti bic-censura tieghu fid-diversi aggravji tas-sentenza appellata, imma ser tqis il-provi kollha b' mod globali fil-kwadru unitarju u organiku taghhom;

Qabel xejn jinhass opportun illi jigi sottolinejat, b' affermazzjoni ta' certa kazistika, illi bniedem jista' ghal skopijiet differenti jkollu aktar minn residenza wahda fl-istess zmien. Il-Qorti, kif presjeduta, dan il-punt gja accentwatu f' diversi decizjonijiet anterjuri taghha. Ara, ad ezempju, u fost ohrajn, "**Michael Vella *et* -vs- Giovanni Compagnino *et***", 7 ta' Frar, 2007 u "**Rita Portelli -vs- Kenneth Aquilina**", 21 ta' Frar, 2007. Fundamentalment, pero`, hekk ukoll din l-istess Qorti ppuntwalizzat illi hi generalment wahda biss minn dawn ir-residenzi li tista' tikkwalifika bhala "residenza ordinarja". Dan dejjem minn kif imfisser, fis-sens li dik il-persuna tkun effettivament qed tirrisjedi f' post b' certu grad ta' kontinwita, fejn fih torganizza hajjitha, li, fil-fattispeci, tikkomprendi l-partecipazzjoni fil-godiment tal-fond mikri. Mhux bizzejjed, allura, li dik ir-residenza tal-konvenut ma' l-inkwlina ommu riedet tkun wahda kazwali jew saltwarja imma haga imposta minn necessita, anke jekk ghal bzonn mhux l-unika residenza tieghu. Ara "**Saviour Coppini nomine -vs- Joseph Vella Bonnici *nomine***", Appell Civili, 8 ta' Frar 1971 u "**Dr. John Agius M.D. -vs- Marlene Copperstone *et***", Prim' Awla, Qorti Civili, 25 ta' Mejju, 1966;

Premess dan, l-ewwel Qorti, iddeterminat li l-konvenut appellanti ma rnexxielux jikkonvinciha illi d-dar lokata fejn kienet toqghod ommu kienet ir-residenza ordinarja tieghu, anke jekk ma teskludix li dan seta' wkoll kien qed jiehu hsieb ommu;

Korrettement interpretata l-parti konsiderativa tas-sentenza appellata ma jistax jinghad illi l-ewwel Qorti bbazat ruhha b' mod determinanti u esklussiv fuq id-dikjarazzjoni insita fil-kuntratt tas-16 ta' Settembru, 2002

(fol. 38) li permezz tieghu l-konvenut iddispona mill-fond tieghu tal-Mosta. Hi certament hadet in konsiderazzjoni wkoll dawn l-elementi agguntivi tal-provi:-

(1) Li hajjet il-konvenut ma kienetx organizzata b' mod fiss fil-fond lokat tal-Hamrun;

(2) Mhux eskluz lanqas li fil-*forma mentis* tal-Qorti ttiehdet konsiderazzjoni tal-fatt illi l-fond lokat, fuq l-istess dikjarazzjoni tal-konvenut (fol. 33), kellu spazju limitat fejn fih irabbi familja ta' erbgha minn nies;

(3) Mhux lanqas, imbaghad, il-konsiderazzjoni illi mill-assjem tal-provi, komprizi dawk ta' mart l-istess konvenut u tal-Magistrat Silvio Meli, l-okkazjonijiet li fihom il-konvenut kien ikun presenti fid-dar mikrija ma kienux jikkwalifika dik ir-residenza tieghu bhala wahda bi grad ta' kontinwita` b' mod li din kellha titqies dik "ordinarja" tieghu fis-sens shih tal-konnotati kollha ta' din il-kelma;

(4) Abbinat ma' dan kollu hemm imbaghad, id-dikjarazzjonijiet mistqarra mill-atturi u mix-xhud Victor Spiteri Sacco (fol. 73) kemm in referenza ghall-fatt illi l-fond kien jidher mitluq u ttraskurat, kif ukoll li l-konvenut, anke jekk minn dan zmentit, talabhom jissaportuh sakemm isib sistemazzjoni fejn iqieghed il-beni ereditarji ta' ommu;

(5) Naturalment hi dejjem haga luzingevoli li wiehed jiehu hsieb tal-genituri anzjani, u, anzi, dan hu hekk ferm rakkomandabbli. B' danakollu, mhux mistenni imbaghad, u lanqas lecitu li wiehed japprofitta ruhu minn dawn il-prestazzjonijiet u assistenzi biex ittellaghhom ghal-livell ta' dik it-tutela guridika li hu jippretendi li ghandu meta l-fatti, fl-assjem taghhom, ma jissufragawx dan, u dawn ma jwasslux biex ikun konvincevolment accertat u stabbilit illi l-appellanti jimmerita li jkun klassifikat bhala "kerrej" fit-termini tad-definizzjoni ta' l-Artikolu 2 tal-Kapitolu 69 relattiv ghal "dar ta' abitazzjoni". Kull kaz irid jigi ezaminat fuq il-fattispeci rilevanti tieghu u dak ukoll tal-kontenut indizzjarju li jingibed mill-fatti provati. Din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti qabilha, mhix sodisfatta li l-

appellanti rnexxielu jsostni d-difiza tieghu u dan, inevitabilment, iwassal biex il-Qorti ma ssibhiex attendibbli.

Ghal dawn ir-ragunijiet u dawk tal-konsiderazzjonijiet maghmula mill-ewwel Qorti, din il-Qorti tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez kontra l-konvenut appellanti. It-terminu ta’ tliet xhur prefiss mill-ewwel Qorti ghal skop ta’ zgumbrament tal-konvenut mill-fond *de quo* jibda jghaddi mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------